MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 451/2010

**Edward Psaila ID 54867M**

**vs**

1. **Jeepers Futsal Club**
2. **Richard Busuttil**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** t-TALBA formulata hekk:-

L-attur qieghed jitlob l-ammont ta’ seba’ mija, disgha u disghin Ewro (€799.00c) rapprezentanti spejjez li hareg u/jew li ghandu johrog l-attur fil-konfront tas-socjeta’ A&V von Brockdorff Services Limited ghal invoice nru SINAX 00041432 datat 22 ta’ April 2009 li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness bhala dokument A.

Illi l-attur hareg din is-somma fuq ftehim li ghandu u kif ordnawlu l-konvenuti in solidum, liema somma hija interament dovuta mill-intimati in solidum, liema somma tirrapprezenta biljett tal-ajru u spejjez ancillari ghal plejers tal-klabb “Jeepers Futsal Club”.

Illi l-attur interpella l-konvenuti sabiex ihallsu din is-somma dovuta lill-attur kif jidher mill-annessa ittra immarkata dokument B.

Illi minhabba nuqqas ta’ hlas, kellha ssir din il-kawza.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

(1) Tikkundanna lill-konvenuti in solidum u/jew min minnhom ihallsu l-ammont ta’ €799 lill-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali minn April 2009.

**Ra** r-RISPOSTA ta’ Richard Busuttil kif gej:-

L-ammont mitlub mill-attur mhuwiex dovut stante li:-

1. Preliminarjament Jeepers Futsal Club ma hijiex entita’ guridika u ghalhekk ma tistax tersaq ghal dan il-gudizzju;

2. Ma kien hemm ebda ftehim bejn l-attur u l-konvenut ghall-hlas da parti mill-konvenut, jew in solidum ma’ l-attur, ta’ l-ammont indikat fit-talba tieghu, liema ammont huwa dovut fl-intier tieghu mill-attur skond ma jirrizulta mill-fattura hawn annessa u mmarkata dok “RB1”.

3. Din il-kwistjoni m’hijiex ta’ natura kummercjali u ghalhekk ma jistghux jintalbu imghaxijiet kummercjali.

**Ra** li **<u>Joseph</u>** Futsal Club u mhux Jeepers Futsal Club, gie notifikat skond riferta tal-purtier Mario Mizzi, fit-8 ta’ April 2010 (ara riferta *a fol* 6) u ghan-nom ta’ dan ma ressaq RISPOSTA hadd.

**Ra** li mal-AVVIZ hemm bhala Dok A *invoice* ta' A&V von Brockdorff Services Ltd indirizzat lil Richard Busuttil mentri mar-RISPOSTA ta' dan hemm esebita, *a fol* 8, *invoice* bhal dak Dok A, din id-darba ndirizzat lill-attur.

## II PROVI

**<u>L-attur Edward Psaila</u>** xehed b'affidavit hekk:

1. Qal li hu *salesman* fil-hanut *Jomar Souvenirs* f'Tas-Sliema. Ihobb il-loghob tal-futbol u tal-futsal. Ilu jaf sew lil Richard Busuttil ghal 5 snin u jaf li kellu Jeepers Futsal Club li dan l-ahhar sar jaf li nbiegh lil Alex Frendo. Hu kien jifforma parti mill-iskwadra ta' Busuttil u dan talab l-ghajnuna tieghu. (Il-futsal hu futbol *5 a side* u jintlab gewwa). Talbu l-ghajnuna biex isahhu l-iskwadra. Issuggerixxa kuntatt ma Lazio Futsal Club u lil Busuttil ghogbitu l-idea. Busuttil inkoraggixxa lill-attur biex jaghmel kuntatt mal-Lazio bil-ghan li jisilfuhom zewg players ghall-ahhar tal-istagun f'Malta.

2. Ftehmu li jew Richard Busuttil jew il-Club ihallsu l-passagg u ghas-semi finali gew Andrea Santia u Gregory James Giovinali. Dawn laghbu fis-semi finali, *home* u *away* ta' April 2009 u kienu nghazlu mill-kowc/dirigenti tal-Jeepers Futsal Club. Kienu gew fil-ftehim espress ta' Richard Busuttil.

3. Richard Busuttil kien inkarigah jaghmel l-istess haga ghall-finali tal-Futsal u din id-darba l-flus ma thallsux.

Mill-email *a fol* 21, jirrizulta dan:

*Hi Ed,*

*Thanks for the invoice. I will have to pay this invoice from my own pocket because as you know Jeepers do not have the necessary friends. I will let you have the cheque as soon as possible.*

Omissis
*Rich*

4. L-attur qal li hu kien ghamilha cara li ma johrogx flus minn butu izda, ghax ried, tahom appartament ghal akkomodazzjoni b'xejn. Hu kien semplicement il-*kit manager* tat-tim.

5. Hu fetah il-kawza ghaz-zewg biljetti tal-ajru tal-players li ngabu ghall-finali. Il-bqija thallsu mill-konvenuti.

6. **Richard Busuttil**, konvenut qal li Jeepers Futsal Club qatt ma kien entita' legali, ma kellux statut u qatt ma gie registrat bhala "non-profit making organization". Alex Frendo dahal fil-vojt li halla hu vis-à-vis il-Club, li kien "grupp ta' hbieb jilghabu flimkien". Il-Club kien konoxxut mill-MFA. Hu kien membru tal-Club imma l-attur kien ukoll fuq kollox. President kellhom lil Noel Attard Flores u hu kien President fl-ahhar parti tal-istagun 2006 – 2007. Hu ma kienx firmatarju tal-Club.

7. Ghal zewg semi finali kienu gabu lill-players Andrea Santia u Giovenali. Gew darbtejn u gabhom l-attur li "kien *duly authorized* mill-kumitat li jaghmel dan. Dan qrib April 2009. L-attur thallas ta' dan. Dak esebit *a fol* hi parti minn *email* mibghut minnu. Anzi parti minn diversi *emails*, u fir-rigward esebixxa d-Dok RB.

8. Il-konvenut qal li l-Futsal hu organizzat fuq bazi amatorjali u fiz-zmien relevant ghall-kawza hu kien membru tal-kumitat u *coach* tat-tim. Tmexxija ta' hamest ihbieb: il-kontendenti, Marvin Spiteri, Mark Marlo u Noel Attard Flores. L-attur kien semplici membru u Attard Flores kien jirraprezenta lil kulhadd bhala President. Kienu jiddeciedu b'maggoranza semplici. Ebda minuti. Finanzi minn *sponsors.*

9. Kienet l-idea tal-attur li jingiebu l-players imsemmija u li juza l-kuntatti li kellu mal-kazin. Tahom ukoll akkomodazzjoni. Il-Club kellu jhallas ghas-semi finali u mhux ghall-finali li gew wara. Il-Club ma riedx, minhabba finanzi, li l-players jingiebu ghall-finali. Psaila biss, ried, biex jigi assikurat rebh fil-finali u ried ihallas personalment.

Il-players gew, u l-loghba intilfet. L-affarijiet marru ghall-aghar wara din it-telfa.

10. Inqala konflitt ghall-attur billi f'kompetizzjoni *knock-out* organizzata mill-MFA gew kontra xulxin il-Jeepers (tal-ewwel divizjoni) kontra l-Lazio Supporters Club (tat-tieni divizjoni) li taghhom l-attur kien president. L-attur gab minn barra player, isem falz biex jilghab kontra l-Jeepers. B'hekk Lazio rebhu lill-Jeepers. Hawn l-attur beda jinghata l-genb mill-Jeepers u nkisru r-relazzjonijiet mieghu.

11. Il-konvenut qal li ma jafx ghaliex l-*invoice* ta' A&V von Brockdorff inhareg l-ewwel fuq l-attur u mbaghad fuqu. Hu qatt ma kellem lil din l-agenzija u r-relazzjoni ta' xoghol dejjem kienet l-attur u d-ditta. Hu rcieva kopja tal-*invoice* minghand l-attur fid-19 ta' Mejju 2009. Hu nnega li ghandu jati sew mal-attur kif ukoll mad-ditta. Matul ix-xhieda hu esebixxa d-Dok RB1-4 kif ukoll l-email *a fol* 63.

12. **<u>Noel Attard Flores</u>** qal li mal-Jeepers beda bhala player, ghadda ghal *coach* informali u president. Ikkonferma l-fluwidita' tal-kompozizzjoni u tmexxija tal-Club. Jaf li ma kienx hemm fondi biex jingiebu players minn barra u l-konvenut kien qallu li l-attur kien xorta deciz li jingiebu players. Id-dettalji ma jiftakarhomx.

13. **<u>Marvin Spiteri</u>** semma wkoll il-fluwidita' fil-formazzjoni tal-club. Hu personalment qatt ma ha decizjoni biex jingiebu players barranin. Hu ma jafx dettalji dwar li jingiebu players barranin minn barra.

14. **<u>Hugh von Brockdorff</u>** f'affidavit qal li hargu fuq l-attur l-*invoice* in kwistjoni. Ghamlu fuq ismu ghax kien ibbukkja l-biljetti "izda nirrikonoxxi l-fatt li Edward Psaila seta ghamel dan ghas-socjeta' Jeepers Futsal Club".

15. Hu kien baghat kopja lill-konvenut u "nghidu kollox qatt ma nnegaha" u dan jirrizulta mill-*email* mibghuta minn Alexia Scicluna (tad-ditta) – *a fol* 36 *et seq*. Il-konvenut qatt ma cempillu jew baghtlu ittra b'kontestazzjoni. Hu cert li l-konvenut rcieva d-diversi *emails* ghall-hlas.

16. Meta ra dan it-tkarkier hu nforma lill-attur li l-agenzija kienet taf lilu. Lill-attur dejjem jafu bhala nbiedem korrett u précis u ilu jaghmel xoghol mieghu ghal snin. Ma kienetx l-ewwel darba li hallas ghan-nom tal-Jeepers.

## III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL hawn jinsab rinfaccjat b'zewg verzjonijiet kontra xulxin: l-attur jghid li hu ordna l-biljetti tal-ajru fuq inkarigu tal-konvenut u l-konvenut jghid li l-biljetti l-attur ordnahom minn jeddu. Qabel xejn, imma l-attur harrek lil Jeepers Futsal Club u lil Richard Busuttil <u>fl-istess indirizz.</u>

2. Ghar-rigward Futsal club it-TRIBUNAL josserva dan li gej:-

a) ir-riferta *a fol* 6 li tirrigwarda l-Club hi riferta positiva fil-konfront ta' JOSEPH Futsal Club li hu differenti minn JEEPER Futsal Club. Mela l-Club imharrek qatt ma gie notifikat.
b) l-eccezzjoni preliminari ta' Richard Bugagiar li JEEPERS Futsal Club mhux entita guridika trid tigi akkolta. Irrizulta li dal-Club kien jikkonsisti semplicement fi grupp ta' 5 minn nies fosthom il-kontendenti, bla statut ta' xejn, u mhuma registrati mkien *qua* Club hlief li taghrafhom (skond ma xehed kulhadd) l-MFA. Naturalment dan ma jwassalx biex il-JEEPERS Futsal Club jassumi personalita' distinta li tista titqieghed f'kawza.

Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni preliminari qed tigi akkolta anke ghax il-Club ma giex notifikat skond il-ligi – thares minn fejn thares lejn il-haga.

3a) Dwar il-mertu, it-TRIBUNAL jiehu l-impressjoni li bejn il-kontendenti dahlet pika u dak li kellu jkun passatemp sportiv zviluppa f'animosita li wasslet lill-partijiet quddiem dan it-TRIBUNAL. Hu x'inhu rridu nharsu lejn il-fatti u naraw liema miz-zewg verzjonijiet hi l-

aktar kredibbli, anke fuq bazi ta' probabiltajiet, skond dak preskritt *in civilbus.*

b) It-TRIBUNAL ma jistax ma jatix piz kbir lil dak miktub fid-Dok A *a fol* 2, fejn b'mod l-iktar car il-konvenut qed jghid li ghandu jhallas minn butu l-flus darba li l-Club m'ghandux flus u *"I will let you have the cheque as soon as possible"*. Kif jghidu *verba volant* – dak miftiehem bil-kliem jista johloq xi dubbji ghalkemm il-kliem darba pruvati fih ir-rabta tieghu ukoll meta l-ligi ma tippreskivix mod iehor. Izda iktar u iktar fih rabta il-miktub. *Scripta manent*. Mhux ta' b'xejn li fi kliem populari nghidu: ghandi l-iswed fuq l-abjad. Allahres is-socjeta' kellha ma tatix importanza dak miktub.

c) Importanti wkoll dak li xehed, b'affidavit, Hugh von Brockdorff tal-Agenzija A&V von Brockdorff Services Ltd. Dan qal li l-attur kien ilu jahdem ghal snin maghhom u dejjem kien korrett. Fil-kaz in kwistjoni huma jafu lill-attur ghax kien hu li qatgha l-biljetti. Pero meta dan semmielhom lill-konvenut, huma baghtu l-*invoice* lilu. Minn naha tal-konvenut mieghu dan zamm is-skiet u "qatt ma nnega" u "qatt ma cempilli sabiex jghidli li qieghed jikkontesta tali *invoice* u/jew baghtli xi ittra jew *email* li huwa ma jikkonoxxix id-debitu. Naf bic-cert li huwa rcieva d-diversi *emails* ghall-hlas".

d) Naturalment, is-skiet mhux prova favur il-pretensjoni tal-attur. Bhalma kontumacja mhiex ammissjoni. Izda dan is-skiet meqjus mal-bqija ghandu tifsira.

e) Meqjus dak kollu mfisser hawn fuq it-TRIBUNAL isib li ghandu jilqa t-talba attrici.

## IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) <u>jilqa</u> l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut u jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lil JEEPERS FUTSAL CLUB hi x'inhi l-personalita' tieghu (2) <u>jichad</u> iz-zewg eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut (3) <u>jikkundanna</u> lill-konvenut Richard Busuttil biex ihallas lil Edward Psaila il-*quantum* ta' seba' mija,

disgha u disghin Ewro (€799.00c) u dana fi zmien tletin jum mil-lum (4) bl-imghax f'kaz ta' nuqqas ta' hlas fit-terminu moghti, mill-wiehed u tletin jum sal-jum li fih jithallas l-ammont imsemmi u fic-cirkostanzi (5) bl-ispejjes tal-kawza jigu sopportati nofs b'nofs (50 : 50) bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------